


# Prologu

*Ċplaħħħħ!* Ir-raġel miel u nstabat għal fuq wiċċ l-iskrivanija ta' quddiemu, ftit bżieq ħiereġ mir-rokna ta' ħalqu.

Ħarset lejh, biex tkun ċerta jekk it-taħlita li tefgħetlu fil-kafè kinitx ħadmet sew.

*Telaq.*

Irrilassat spallitha. L-ewwel parti tal-pjan ġewwa.

*Għal ftit, għall-inqas. Sakemm jerġa' jiġi f'tiegħu jkun reġa' sebaħ u ma jiftakar xejn.*

Tbissmet. Kellha biżżejjed ħin biex tagħmel dak li kienet ġiet biex tagħmel. Għolliet ħarsitha 'l quddiem, lejn il-globi mdendlin mis-saqaf. Kull wieħed qisu pjaneta żgħira. Uħud mitfija, oħrajn

jikwu bid-dawl qishom xemx. Globu ħdejn globu. Għexieren. Mijiet. Bdiet miexja minn wieħed għal ieħor sakemm fl-aħħar waqfet ħdejn dak li kienet qed tfittex. Mal-ħadida li kienet qed iżżommu mdendel mis-saqaf, kelma waħda mnaqqxa:

MALTA

Reġgħet ittawlet malajr lejn ir-raġel. Kien għadu mitluf minn sensih igedwed xi ħaġa ma tinftehimx.

*Mhu se jiftakar xejn*, aċċertat lilha nnifisha.

Ħarset lejn l-arloġġ li kellha mal-polz: nofsillejl nieqes minuta. Sittin sekonda oħra u l-globu safrani ta' quddiemha jieħu l-ħajja.

*Wara tant żmien. Fl-aħħar!*

Dak li kellha tagħmel ma setax jitwettaq qabel dan il-preċiż mument. Wara kważi ħdax-il sena ta' qtigħ il-qalb, ftit sekondi ma kienu xejn. Mill-basket ħarġet bieqja żgħira u skura. Antika. Poġġietha eżatt taħt il-globu ta' quddiemha. Qisha uviera ħa tilqa' bajda hekk kif taqa' għal ġo fiha. Għalqet għajnejha u lissnet frażi minn taħt l-ilsien, b'lingwa li kienet kważi ntesiet, u reġgħet ġibdet il-bieqja lura. Imsakkra taħt abtha, daqslikieku kellha kaxxa mbulmata teżori tad-deheb.

Għal ftit sekondi ma ċċaqalqitx u ma ġara xejn.

F'daqqa waħda *xi* mkien fil-bogħod arloġġ daqq nofsillejl bil-lajma.

*Dooooong.*

Għajnejha ta' seqer bdew jaqbżu mill-globu għall-bieqja u lura għall-globu.

*Dooooong.*

Il-globu teptep ftit. Jitmattar hu u jqum minn raqda twila ħafna.

*Dooooong.*

U biex tirrispondih, il-bieqja f'idejha mtliet bid-dawl ukoll.

*Irnexxieli! Irnexxieli!*

Bl-ansjetà li kellha ndunat li kienet ilha żżomm in-nifs mill-ewwel *dooong* tal-arloġġ. Sfurzat lilha nnifisha biex ma tinfexx tgħajjat u tidħaq bil-ferħ. U ħarset 'il barra mit-tieqa, lejn is-sema ċar t'Awwissu. Il-qamar fil-bogħod kien qed imelles il-quċċata tal-muntanji li kien għad fadlilhom ftit silġ. F'dak il-mument ħassitha invinċibbli.

*Ma tafux x'inhu ġej għalikom. Issa naraw kemm tafu tilagħbu l-Logħba taż-Żmien.*

U tektket lura lejn il-bieb li jagħti għal barra. Qabel ma jaraha *xi* ħadd. Bil-bieqja moħbija u mgeżwra fi xkora li kienet ġabet magħha, għalqet il-bieb warajha bil-galbu u sparixxiet fid-dlam u l-kesħa fina li kienet taqa' dawk in-naħat, anki fis-

sajf. L-għassies meċlaq waħda kbira, għadu mċaflas mal-iskrivanija, mitluf minn sensih. It-tempesta stramba fis-subkonxju tiegħu kienet dabet f'ħolma ħelwa u kalma.

Ħafna kilometri 'l bogħod, f'pajjiż ieħor, żewġt itfal tmattru kważi flimkien, f'nofs nagħsa ħelwa li tiġik bil-ħedla ta' wara ġurnata baħar.

U kuritur bogħod, l-arloġġ, l-uniku xhud ta' dan ir-ritwal stramb li kien għadu kif seħħ f'nofs ta' lejl, reġa' rbombja tnejn —

*Doooooong. Doooooong.*

— l-uniku wieħed li f'dak il-ħin irrealizza li minn issa 'l quddiem xejn ma kien se jibqa' l-istess.

kapitlu 1




# Kif bdew l-affarijiet

Żewġ pari għajnejn ħodor ikanġu fil-kannella kienu miftuħin beraħ taħt il-friex iħarsu fiss lejn l-arloġġ.

Is-sitta nieqes għaxra, u għoxrin sekonda ...

Is-sitta nieqes ħamsa, u tlieta u erbgħin sekonda ...

"Ejja ħi, ċaqlaq!"

Il-kmamar ta' Alex u Maia kienu jmissu ħajt ma' ħajt. U bħas-soltu, mingħajr ma ftiehmu, it-tnejn li huma kienu stenbħu fl-istess ħin. Fil-ħamsa u kwart (u disa' sekondi, biex inkunu preċiżi) ta' filgħodu kienu tektku ħafif ħafif mal-ħajt ta' bejn il-kmamar tagħhom, biex javżaw lil xulxin li qamu. Barra mit-tieqa, ix-xemx kienet ġa bdiet tittawwal minn wara x-xefaq.

Kienu ilhom minn dak il-ħin jistennew. Lesti u kkargati jgħoddu s-sekondi għaddejjin. Mal-*alarm* tal-arloġġ arahom itiru qishom vleġġa mis-sodda ħalli ma jaħlux sekonda aktar.

Ilum, it-tieni jum t'Awwissu, huwa l-*birthday* ta' Alex u Maia. Imma Alex u Maia mhumiex tewmin. Kważi ... imma mhumiex. Maia u Alex huma kuġini li twieldu fl-istess ġurnata. Kważi fl-istess ħin. U llum għalqu ħdax-il sena. Ħabat tajjeb li din il-ġurnata kienet dejjem tiġi eżatt f'nofs ta' sajf matul il-vaganzi għax il-lejl ta' qabel qatt ma kienu jkunu jistgħu jorqdu bl-eċitament. Kull sena, infatti, kienu jibqgħu mqajmin u jistennew it-tokki ta' nofsillejl biex ikunu raw il-*birthday* jibda uffiċjalment u jistennew bil-ħerqa li jgħaddu dawk il-ftit sigħat irqad biex jibdew iċ-ċelebrazzjonijiet.

U barra minn hekk, allaħares il-*birthday* kien jaħbat fix-xitwa! Għax ix-xitwa *equals* skola u min irid *birthday* f'nofs ta' sena skolastika? Le, grazzi! Il-*birthday* sabiħ il-baħar, tibla' ġelat tal-Mr Whippy wieħed wara l-ieħor u tara l-murtali tal-festi minn fuq il-bejt tan-nannu Horace (u l-muntanja rigali wkoll, ovvjament).

L-id tas-sekondiera tqanżħet waħda tal-aħħar u:

*TRIIIIIIIIIIIIINNNNNNNNNNNNNNNNNNNN!*

F'nofs sekonda Alex u Maia kienu diġà barra

minn kamrithom fil-kuritur, xagħarhom imqanfed u l-piġama mkemmxa.

Ħarsu dritt f'għajnejn xulxin u minn taħt l-ilsien, joqomsu qishom belgħu l-molol, qalu: *HAPPY BIRTHDAAAAAAY!*

It-tnejn tkellmu fl-istess ħin u bdew neżlin it-taraġ sitta sitta sakemm daħlu b'ġirja fil-kċina bla nifs, għajnejhom ileqqu, ifittxu biex jaraw x'kien ippreparalhom il-papà. Kull sena kien iħejjilhom *breakfast* sorpriża u jorganizza ġurnata attivitajiet li kienu jkunu ilhom jixxennqu għalihom xhur sħaħ. Daqqa *bowling*, daqqa ġurnata Kemmuna, daqqa *paintballing*. Pixie, il-qattusa ħoxna kulur it-*toffee* li kellhom, kienet ġa mitfugħa paxxuta, bejn nefħa u oħra, fuq il-pultruna tagħha b'dik il-ħarsa ta' waħda li ma timpressjona ruħha b'xejn.

Il-"Papà Peter", fil-verità, kien jiġi missier Alex u z-ziju ta' Maia li kienet it-tifla ta' ħuh it-tewmi John. It-tfal kienu twieldu ftit ħin bogħod minn xulxin u ġabu ferħ kbir fil-familja Penza ħdax-il sena qabel. Iżda ma kinux damu jgawdu dik l-ewforija wisq. Maia kellha biss ftit ġimgħat meta tilfet lill-ġenituri tagħha f'inċident stramb li ħadilhom ħajjithom. Kollox inqaleb ta' taħt fuq u, minn dak il-ferħ li l-familja kollha kienet intilfet fih, issa għerqet f'baħar ta' niket u diqa għat-telfa ta' John u martu.